# KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**


***Minuti tal-62 laqgħa tas-Sitt Kunsill Lokali li nżammet fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar it-Tlieta, 7 ta' Ottubru 2014 fis-6:00 p.m.***

| ***Preżenti*** | ***Membri*** |
|---|---|
| **Sindku** | Mario Gauci |
| **Viċi Sindku** | Mark Azzopardi |
| **Kunsillieri** | Christopher Fenech |
| | Vincent A Galea |
| | Alfred Muscat |
| **Aġent Segretarju Eżekuttiv** | Kurt Guillaumier |
| **Skużati** | |
| **Ambaxxatriċi Żagħżugħa** | Rebecca Chircop |

**62/01 Talba**

**62/01/01** Il-laqgħa bdiet fis-6.00 p.m. billi ntqalet it-talba. Il-Kunsill beda billi rringrazzja lis-Sur Kurt Guillaumier li accetta' li jservi ghal darba ohra bhala Aġent Segretarju Eżekuttiv u awguralu success fil-hidma tieghu. L-Aġent Segretarju rringrazzja lill-membri tal-Kunsill għall-fiduċja tagħhom. Preżenti għal-laqgħa kien hemm ukoll is-Sinjorina Maria Tanti, l-EO tal-Kunsill. Il-Kunsill unanimament approva ukoll li s-Sur Kurt Guillaumier bhala Agent S.E. ikun firmatarju ghall-Kunsill flimkien mas-Sindku.

**62/02 Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa Nru 61**

**62/02/01** Kien hemm numru sostanzjali ta' korrezzjonijiet li ingabru f'dokument ippreparat mis-Sindku wara konsultazzjoni mal-Kunsillieri kollha liema dokument gie imqassam lill-Kunsillieri waqt il-laqgha. Wara li dawn il-proposti ta' korrezzjonijiet gew evalwati l-Kunsill unanimament approva li l-Minuti tal-Laqgha Nru 61 jigu emendati skont dan id-dokument. Kien hemm qbil unanimu li jiġu approvati l-minuti kif emendati.

**62/03 Punti mtella' mill-Minuti 61**

**62/03/01** **Para 61/05/01:** Saret it-talba biex jitneħħew l-iskips. Il-Kunsill qed jitlob lill-Wasteserv sabiex inehhi l-bins tal-Bring in Site u temporanjament jinzammu minn Wasteserv. Sadanittant lil Wasteserv ser tintbaghat il-korrispondenza dwar l-*underground bring in site*.

**62/03/02** **Para 61/05/03:** Saru *refreshing tal-markings* neċessarji fi Triq Dun Karm Fenech u Sqaq Charlotte.

**62/03/03** **Para 61/05/07:** Kien hemm diskussjoni fuq it-talba biex parti minn Triq San Nikola issir *One Way*. Il-Kunsill għamel konsultazzjoni mar-residenti tat-triq fejn intbagħtu ittri lis-7 residenzi. Kien hemm 2 favur u 2 kontra filwaqt li residenti iehor kien tal-fehma li din it-triq tkun maghluqa ghat-traffiku minn direzzjoni ohra. Ġie deċiż unanimament li t-triq tibqa' kif inhi.

**62/03/04** **Para 61/05/09:** Ġie innutat li t-tabella għadha ma twaħħlitx. Gie unanimament deciz li r-residenta tintalab sabiex mill-aktar fis possibbli tipprovdi t-tabella li qeda ghandha, u tintalab thallas ghaz-zewg plakkek li juru l-ismijiet tat-toroq kif ukoll li issir il-kaxxa *tar-reserved.*

**62/03/05** **Para 61/05/11:** Gie innutat li minghand TM ghandna ma rcevejna xejn dwar il-bini tal-culvert fi Triq San Gwann sabiex tissolva l-problema li jingabar hafna ilma meta taghmel ix-xita.

**62/03/06** **Para 61/06/17:** Ġie innutat li x-xogħol tal-konkos u l-fence fil-Gnien ta' Searchlight Battery.

**62/03/07** **Para 61/06/21:** Il-Kunsill ġie nfurmat li l-applikazzjoni għall-Memo 25/2014 Skema Inizjattivi Sportivi saret u anke rċevejna l-*acknowledgment*.

**62/03/08** **Para 61/07/01:** Rigward ħlas pendenti mal-kuntrattur Euroclean dwar zieda fil-hlas tal-*fuel* gie unanimament deċiż li issir laqgħa ma' dan il-kuntrattur.

**62/03/09** **Para 61//07/02:** Ġie deċiż li ssir laqgħa mal-kuntrattur Road Services Ltd, biex jiġi stabbilit *time frame* meta ser jibda x-xogħol fuq il-kisi bit-tarmak ta' Triq Fra D. Mifsud.

**62/03/10** **Para 61/07/03:** Kien hemm diskussjoni rigward l-ammont ta' €250 li kienu gew originarjament iddepożitati l-Kunsill bħala garanzija sabiex bankina terga tinbena kif suppost meta jitlesta x-xoghol tal-bini. Minhabba li nofs il-bankina saret kif suppost bil-madum ġie unanimament deċiż li tinħeles nofs il-garanzija biss u ghalhekk ghandu jinhareg cheque ta' €125 pagabbli lill-persuna li originarjament kienet ghamlet id-depositu.

**62/03/11** **Para 61/07/06:** Il-Kunsill unanimament irratifika l-ingaġġ tas-Sinjorina Martha Scicluna bħala skrivana (Skala 15) kif ukoll approva l-kuntratt tax-xoghol tagħha.

**62/04 Approvazzjoni ta' Pagamenti**

**62/04/01** L-Aġent SE ippreżenta l-iskeda ta' pagamenti pendenti / imħallsa li kienet tinkludi l-kontijiet li waslu fl-Uffiċċju tal-Kunsill sad-data ta' meta kienet ġiet ippubblikata l-*Agenda*. Kien hemm qbil unanimu li jiġu approvati l-pagamenti. Ġiet ukoll approvata l-lista tal-*petty cash*.

**62/05 Ilmenti u Suġġerimenti**

**62/05/01** Is-Sur Alfred Muscat ġab għall-attenzjoni tal-Kunsill talba minn sid ta' hanut Cent Anni li jixtieq li jagħmel culvert, bi spejjeż tiegħu, quddiem il-ħanut tiegħu minħabba li qed iżomm l-ilma. Kien hemm qbil unanimu. Jekk il-culvert ikun wiesgha ghandu jkum moghotti isir bil-gradilja. Dwar din it-talba tressqet ukoll minn resident li kiteb f'isem is-sid tal-hanut.

**62/05/02** Is-Sur Vincent A. Galea talab biex isiru marki/tabelli fil-pjazza biex tindika li wara l-hrug minn Triq l-Oratorju t-triq hija *2 way*. Wara diskussjoni, ġie deċiż li jintalab parir minn Koptasin.

**62/05/03** Is-Sur Christopher Fenech gab ghall-attenzjoni tal-Kunsill talba biex jehlu żewġ mirja, fi Triq Għar San Brinkat. Il-Kunsill innotat li ftit li xejn li jghaddi traffiku minn din it-triq li qeda fil-parti rurali tar-rahal. Il-Kunsill unanimament ihoss li din it-talba mhux gustifikata u ghalhekk ġie deċiż li ma jsirux.

**62/05/04** Is-Sur Christopher Fenech gab ghall-attenzjoni tal-Kunsill talba biex isir *culvert* fi Triq Emmanuel Perren. Il-Kunsill unanimament qabel li jressaq din it-talba lill-TM.

**62/05/05** Talba sabiex tehel bozza ohra fi Triq Caravaggio ghax il-bozoz qeghdin 'il boghod minn xulxin. Gie ikkonfermat li l-bozoz fi Triq Caravaggio qedin imqassmin kif suppost u ghalhekk il-Kunsill unanimament iddecieda li ma jilqax din it-talba.

**62/05/06** Talba sabiex tehel bozza fi Triq il-Gnien fejn dar numru 40 Jomasci Triq il-Gnien ghaliex qed ikun hemm id-dlam. Gie ikkoffenmat li din it-talba hi gustifikata u l-Kunsill unanimament approva li tehel bozza gdida

**62/05/07** Talba biex bejn Triq in-Naxxar u Triq Santa Katerina tigi *one way*. Il-Kunsill unanimament ma qabilx ma dan l-ilment ghaliex inkella r-residenti li joqghodu x-Xwieki sabiex jaslu r-rahal ikunu iridu jmorru jduru minn Naxxar. Il-Kunsill jaqbel li tkun *one-way* Triq Naxxar lejn Triq Sta Katerina jekk tkun *'Except for Residents'*. Gie unanimament deciz li jintalab il-parir ta' Trasport Malta.

**62/05/08** Talba sabiex jehel *shade* ma bozza hdejn 24, Triq Giovanni Gafa. Il-Kunsill unanimament laqa din it-talba. Jekk din il-bozza qeda imwahhla ma arblu ghandha issir talba lill-Enemalta.

**62/05/09** Talba biex jitnaddaf Sqaq il-Hofra mit-terrapien li hemm peress li r-residenti qed jinkwetaw li fix- xita se jingarr kollox fil-bjar kif ukoll li jitnehhew it-tumbati u jimtlew il-hofor. Gie unanimament deciz li din it-talba tigi mghoddija lill-TM peress li dan ix-xoghol mhux fir-responsabbilta' tal-Kunsill peress li t-triq qatt ma inbniet.

**62/05/10** Talba biex issir *traffic hump* fi Triq l-Oratorju hdejn il-hanut tan-Nanna ghax il-karozzi jghaddu *gas down.* Il-Kunsill innota li fil-kantuniera ma tistax issir *traffic hump* kif ukoll fil-passat lejn in-nofs tat-triq diga kien hemm traffic hump u kellha tinqala ghaliex kien hemm hafna oggezzjonijiet mir-residenti. Gie unanimament deciz li din it-talba ma tintlaqax..

**62/05/11** Diversi ilmenti li hdejn Galea Mini Market qed ikun hemm hafna karozzi pparkjati ħażin filwaqt li s-sid qed jokkupa kemm il-bankina kif ukoll it-triq li huma pubblici u dan minghajr permess. Wara diskussjoni ġie deċiż li dawn l-ilmenti ghandhom jitressqu lill-Pulizija.

**62/05/12** Talba sabiex issir *zebra crossing* fi Triq Stiefnu Zerafa qabel ma ddur ghal Triq in-Naxxar. Gie innotat li fi Triq Stiefnu Zerafa diga hemm *zebra crossing*. Ukoll ma tistax issir *zebra crossing* f'kantuniera kif ukoll hemm hafna garaxxijiet u problema ta' parking. Gie unanimament deciz li din it-talba ma tintlaqax.

**62/05/13** Talba minn sid id-dar sabiex jaghmel gebla fi Triq Fidiel Zarb hdejn id-dar tieghu sabiex il-karrozzi ma jilqtux il-faccata tieghu. Il-Kunsill unanimament ma qabilx ma din it-talba.

**62/05/14** Talba sabiex titranga il-parti bejn il-*bollards* ta’ Triq Ghaxqet l-Ghajn. Gie unanimament deciz li din it-talba tigi mghoddija lill-TM peress li dan ix-xoghol mhux fir-responsabbilta' tal-Kunsill.

**62/06** ***Korrispondenza***

**62/06/01** Ġiet innutata korrispondenza mill-MEPA rigward PA 02175/14, 02194/14, 02827/14 u 02929/14.

**62/06/02** Ġiet innutata korrispondenza minn M Quip, fejn dawn qed joffru servizz ta’' *Maintainance Agreement* fuq il-bandli ta' Ġnien il-Paċi. Gie unanimament deciz li din l-offerta’ tigi ikkunsidrata fil-bidu tas-sena 2015.

**62/06/03** Il-Kunsill ġie nfurmat bit-taħrika tal-Qorti biex jixhed għall-24 ta' Ottubru 2014.

**62/06/04** Kien hemm diskussjoni rigward korrispondenza mil-ex-impjegata (JD) tal-Kunsill. Din naqset li taħdem in-*notice period* kollu ghaliex bdiet tattendi kors l-Universita’. Ġie deċiż unanimament li bhala apprezament tal-hidma taghha l-Kunsill, ma jinsistix sabiex isir il-hlas dovut.

**KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR**

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**

**62/06/05** Ġiet diskussa talba mid-Direttorat għall-Promozzjoni tas-Saħħa biex jerġa' jiġu organizzati sezzjonijiet tal-*aerobics*. Il-Kunsill unanimament qabel li din is-sena ma jippartecipax u jaghmel arrangamenti ohra

**62/06/06** Ġiet diskussa talba mill-kuntrattur Dimbros biex is-servizz tal-*bulky refuse* isir nhar ta' Ħamis minflok nhar ta' Ġimgħa. Il-Kunsill unanimament laqa din it-talba.

**62/06/07** Ġiet diskussa l-korrispondenza minn ARMS Ltd, rigward kera ta' meter pendenti li hemm fir-rigward tat-Torri tas-Semaforu minħabba żbalji tagħhom. Ġie unanimament deċiż li dan il-kont ma jitħallasx u nkomplu nsegwu mal-ARMS Ltd.

**62/06/08** Ġiet innutata talba għal-laqgħa minn Thomas J Mamsfield biex isir *embellishment t*al-*Victoria Lines*. Din it-talba gie milqugha.

**62/07** **Materji oħra u mistoqsijiet**

**62/07/01** Il-Kunsill unanimament irratifika x-xiri ta' 3 siġġijiet għall-uffiċċju, xoghol ta' manutenzjoni u xiri ta' *drum* għall-photocopier u x-xiri ta' 3 fanali dekorattivi sabiex jinbidlu 3 fanali li tkissru.

**62/07/02** Kien hemm diskussjoni fuq il-fuljett tal-Kunsill għall- Milied. Ġie unanimament deċiż li dan il-fuljett isir verżjoni qasira. Il-Vici Sindku ghandu jiehu hsieb jipprepara u jikkoordina mal-*printer.*

**62/07/03** Għandha ssir laqgħa mal-ko-ordinatur tal-LEAP Project. Il-Kunsillier Vincent A. Galea ser jattendi għal din il-laqgħa.

**62/07/04** Is-Sur Christian Debono f'isem il-Battlefront Group ipprezenta proposta sabiex tittellgha attivita' ta' gurnata fir-rahal. Gie deciz li issir laqgha ms-Sur Debono sabiex tigi diskussa aktar din il-proposta..

**62/07/05** Għandha ssir laqgħa mal-Għaqda Filarmonika San Bartilmew fuq proposta għat-tiżjin fi żmien il-Milied.

**62/07/06** Is-Sur Christoher Fenech informa lill-Kunsill li s-SKZS ser jorganizza *Halloween Party* fl-1ta' Novembru flimkien mal-Għaqda Dawl Ġodda u l-attivita' tal-Milied fil-Pjazza fil-14 ta' Diċembru 2014. Il-Kunsill unanimament approva dawn iz-zewg attivitajiet.

**62/07/07** Wara li inkisbu l-permessi mehtiega l-Kunsill unanimament approva li jipprocedi sabiex isemmi zoni fir-rahal. Il-Kunsillier Christopher Fenech ser jiehu hsieb li jipprovdi xi ritratti ta' tabelli simili li intuzaw f'lokalita' ohra

**62/07/08** Is-Sindku informa lill-Kunsill li l-Ispettur tal-Pulizija li lahqet fid-Distrett tixtieq tiltaqa mal-Kunsill. Hi tkun tista bejn it-8.00am u l-4.00pm. Gie innutat li bhalissa difficcli li issir laqa f'dak il-hin u ghalhekk gie deciz li din il-laqgha issir aktar tard jew meta l-Ispettur tkun tista tattendi wara l-4.00pm.

**KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR**

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**

**62/08** **Aġġornament**

**62/08/01** Il-laqgħa ġiet aġġornata fil-8.30 p.m. wara li l-*items* fuq l-*Agenda* ġew eżawriti u ġie unanimament deċiż li laqgħa oħra ssir nhar it-Tlieta, 21 ta' Ottubru 2014 fis-6:00 p.m.

| | |
|---|---|
| **Mario Gauci** | **Kurt Guillaumier** |
| **Sindku** | **Aġent Segretarju Eżekuttiv** |